# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta taʹ nhar l-Erbgha wiehed u ghoxrin (21) taʹ Marzu 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spett Trevor Micallef)**

**Vs**

**Liam Mallia**
**U**
**Darren Agius**

Il-Qorti:-

Rat l-akkuzi mahruga kontra l-imputati Liam Mallia u Daren Agius mressqa b'arrest fid-19 ta' Awissu 2013 li kienu jghidu s-segwenti:

> **Liam Mallia**, iben John u Teresa nee Caruana, twieled 30 ta Novembru 1994, Pieta residenti 73, Twilight, Fl. 1, Triq L- Arzell, Marsaskala u detentur tal karta ta identita 525794(M), u
>
> **Darren Agius**, iben Emanuel u Mary Rose nee Spiteri, twieled 30 ta Meiju 1991, Pieta, jghix 4 Emmrose, Triq Sant Antnin, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita 280891(M)
>
> U nakkuzahom talli, f'dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta Awissu 2013 ghal habta tat-tlieta u hamsa ta' filghodu (03:05a.m), fi Triq San Gorg, San Giljan u u/jew fil-vicinanzi
>
> 1. Attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu q edjagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il ligi mill-awtorita kompetenti. (Art. 96 Kap 9)
>
> 2. Nakkuzahom aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkagunaw ferita ta' natura hafifa fuq il persuni ta' PC l138 Andrei Spiteri u PC 159 Glendon Calleja persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jagixxu ghall-

esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il ligi mill-awtorita kompetenti. (Art. 221 Kap. 9)

3. Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw heddew jew ghamlu offiza fuq persuni inkarigati skond il ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuquhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.(Art. 95 (l) Kap 9)

4. Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kissru il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (Art 338 (dd) Kap 9)

5. Nakkuzahom aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdew l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihomx jew fixkolhom waqt li jkunu ghamlu id-dmirijiet taghhom (Art 338 (ee) Kap 9)

Rat illi, fuq talba tal-imputati hekk kif kienu mressqa taht arrest quddiem il-Qorti, fis-17 ta' Awissu 2013 il-Qorti nnominat lill Dr Mario Scerri sabiex jikkonstata xi griehu garrbu l-imputati meritu ta' dan il-kaz.

Rat l-ezami tal-imputati illi sar skond l-Artikolu 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-17 ta' Marzu 2013, fejn l-imputati t-tnejn irrispondew illi mhux hatja ghall-akkuzi lilhom migjuba.

Rat ic-certifikati medici ta' Glendon Calleja u Andrei Spiteri mahruga fis-17 ta' Marzu 2013, lkoll deskritti bhala '*slight save complications*'. (fol 13 u 14)

Rat l-istqarrija ta' Liam Mallia moghtija fis-17 ta' Awwissu 2013 (fol 15)

Rat l-istqarrija ta' Darren Agius moghtija fis-17 ta' Awissu 2013 (fol 17)

Rat il-fedina penali netta taz-zewgt akkuzati (fol 19 u 20)

Rat ix-xhieda ta' **Dr Mario Scerri** moghtija fid 29 ta' Awissu 2013 fejn, ippresenta r-rapport tieghu u, filwaqt illi stabilixxa illi z-zewgt imputati kellhom "*lezjonijiet kollha ... klassifikati bhala lezjonjiet ta' natura hafifa*", zied jghid illi "*dawn huma lezjonijiet li wiehed jara f'kazijiet ta' resistant arrest. Mhux kompatibbli ma' xebgha jew swat. Kompatibbli ma' handling. Dawn huma kompatibbli iktar ma' rough handling jew resisting arrest iktar milli xebgha"*. (fol 28)

Rat ix-xhieda ta' **PC 159 Glenn Calleja**, moghtija fid-29 ta' Awissu 2013, li stqarr li ra li kien hemm glieda bejn grupp ta' persuni barra il-Havana u mar biex iferraqhom u, mument minnhom, Darren Agius imbuttah u tah daqqa ta' ponn. Sussegwentement ghajjat ghall-ghajnuna u nizlu erbgha Pulizija ohra biex jassistu. Huwa eventwalment sprajja l-'*pepper spray*' f'wicc Agius sabiex iwaqqfu, filwaqt illi Mallia ma ghamillu xejn ghajr illi jheddu.

Rat ix-xhieda ta' **PC 1138 Andrei Spiteri**, moghtija fid-29 ta' Awissu 2013, li stqarr li wara li l-PC 159 qalilhom li kien hemm glieda barra l-Havana bejn xi nies u is-security, hu, flimkien ma' tlett Pulizija ohra, nizlu lejn il-Havana u ddawwru bi tnax-il persuna, li bdew jaggreduhom. Jghid ukoll illi fl-istess hin, l-akkuzat Liam Mallia tela fid-direzzjoni tieghu u, wara li mbutta lill PC 1138, tah daqqa ta' ponn f'wiccu. Il-kollegi tal-PC 1138 intervejnew u sussegwentement hass daqqa ohra go rasu u dar biex isib lill akkuzat Darren Agius quddiemu, li tah daqqa ta' ponn ukoll. PC 159

eventwalment sprajja l-‘*pepper spray*’ f’wicc Agius, li stabat mal-art filwaqt illi l-PC 509 arresta lill Mallia.

Rat illi fid-29 ta’ Awissu 2013 l-akkuzati inghataw il-helsien mill-arrest.

Rat ix-xhieda tat-**Tabib Christian Zammit** moghtija fit-8 ta’ Ottbru 2013.

Rat ix-xhieda ta’ l-**Ispettur Trevor Micallef** moghtija fis-27 ta’ Novembru 2013 li ikkonferma illi huwa ma kienx presenti meta sehh l-akkazut u illi l-akkuzati ghamlu l-istaqrrija taghhom volontarjament u wara illi inghataw l-fakulta’ li jikkonsultaw ma’ avukat.

Rat ix-xhieda tal-**PC 509 Jurgen Pace** moghtija fis-27 ta’ Novembru 2013 illi stqarr illi huwa kien mgharraf li kien hemm kommozzjoni barra l-Havana u, huwa u niezel ra lill PC 1138 jipprova jzomm lill Liam Mallia u ra ukoll lill Liam Mallia jaghti daqqa ta’ ponn lill-PC 1138. Huwa kkonferma illi kif ra hekk huwa immannettja lill Mallia.

Rat illi fis-27 ta’ Novembru 2013 il-prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippresenta u inqraw l-artikoli fil-konfront ta’ l-akkuzati.

Rat illi fit-3 ta’ Frar 2014 gie ippresentat filmat mill-akkizati u il-Qorti appuntat lill Dr Stephen Farrugia Sacco sabiex jezamina tali filmant u jnizzel il-fotogrammi bin-numru ta’ pulizija li kienu hdejn il-vann, il-vann inniffsu u l-aggressuri minn-naha tal-Pulizija.

Rat ix-xhieda ta’ l-akkuzat **Liam Mallia** moghtija fit-3 ta’ Frar 2014 li stqarr illi huwa kien gewwa l-Havana flimkien ma’ xi hbieb meta ra illi xi hbieb tieghu kienu telqu u ghalhekk hareg sabiex ifittixhom u hekk kif hareg fil-“*gegwigija ta’ nies li kien hemm*”, persuna, li wara induna kien Pulizija, qabdu minn idu u arrestah u haduh fil-vann tal-Pulizija. Huwa insista illi fl-ebda mument ma’ ta daqqa ta’ ponn lill xi Pulizija u lill PC 159 u 1138 huwa qatt ma rahom. Huwa insista wkoll ghamlulu l-manetti issikkati hafna u illi hekk kif dahhluh fil-vann tal-Pulizija, il-Pulizija 430 beda jaghtih bis-sieq go zaqqu.

Rat ix-xhieda ta’ **Shelly Zaffarese** prodotta mill-imputat Liam Mallia u moghtija fil-11 ta’ Marzu 2015 illi stqarret illi hija kienet gewwa mal-imputati u, mument minnhom inqatghet minn maghhom. Meta marret biex terrggha tfittixhom, harget barra u rat lill Darren Agius mal-art filwaqt illi Liam Mallia kien manettjat u imdawwar b’hafna Pulizija li kienu qed jeskortawh lejn il-vann tal-Pulizija. Hija insistiet illi Liam Mallia f’ebda mument ma’ wera xi resistenza lill Pulizija filwaqt illi kkonfermat illi kien hemm tgegwigija kbira ta’ nies u Darren Agius mal-art bid-demm.

Rat ix-xhieda ulterjuri ta’ Liam Mallia moghtija fl-4 ta’ Mejju 2016 fejn insista illi kien gie imsawwat mill-Pulizija.

Rat ix-xhieda tal-akkuzat **Darren Agius** moghtija fl-4 ta’ Mejju 2016 li stqarr illi huwa kien gewwa Havana ma xi hbieb. Mument minnhom huwa hareg barra ghal ftit arja u hekk kif reggha ipprova jidhol, il-bouncers ma hallewhx jidhol. Huwa ipprova jifhem ghaliex u qalulu biex jistenna barra ghalissa. Ftit tal hin wara, l-akkuzat jghid illi huwa ra erbgha Pulizija gejjin ghalih u filwaqt illi tawh daqqa gol kustilji, huwa waqa mal-art u xi hadd nizel fuqu u sprejja ‘pepper spray’ go wiccu. Agius jghid illi sussegwentement l-Pulizija baqghu jaghtuh bis-sieq u hariglu d-demm minn xuftejh. Agius imbghad ikkonferma wkoll il-kontenut tal-istqarrija tieghu.

Rat ix-xhieda ta’ **Ivan Stellini**, prodott minn Darren Agius, moghtija fl-4 ta’ Mejju 2016, li stqarr illi huwa kien ma’ Darren Agius u Liam Mallia gewwa l-Havana meta, mument minnhom, Agius hareg barra ghal ftit arja, u huwa hareg warajh. Sussegwentement, Agius ipprova jerrgha jidhol

gewwa l-Havana izda l-bouncers ma halluhx, u ghalhekk, Stellini ra lill Agius nizel l-isfel minn Havana. Hekk kif kien niezel, huwa ra lill-Pulizija niezlin b'sahha qawwija ghal fuqu u "middewh, tefugh mal-art, tawt, ixxuttjawh mal-art, sprejjawlu xi pepper spray u ovvjament Darren ma uza l-ebda forza fl-ebda hin u fl-ebda mument." (fol 177)

Rat illi fl-4 ta' Mejju 2016 l-akkuzat Liam Mallia iddikjara illi ma kellux aktar provi.

Rat ix-xhieda ta' **Justin Zammit**, prodott mill-akkuzat Darren Agius, moghtija fil-15 ta' Marzu 2017, li sahaq li huwa kien gewwa l-Havana meta, mument minnhom, Agius hareg barra ghal ftit arja, u huwa hareg warajh. Sussegwentement, skond Zammit, Agius flimkien mieghu ipprovaw jerrghu jidhlu gewwa l-Havana izda l-bouncers ma hallewhomx, u ghalhekk, nizlu l-isfel minn Havana. Hekk kif nizlu, Zammit jghid illi ra nezlin erbgha Pulizija b'aggressjoni u taw daqqa lill Agius f'gembu u Pulizija iehor sprajja 'pepper spray' filwaqt illi baqghu jaghtuh bis-sieq. Zammit beda jghattajt biex jieqfu imma dawna baqghu ghaddejjin. Mistoqsi jghid ghaliex gara l-incident, Zammit jghid "*Lanqas jiena stess ghadni ma nafx sal-lum il-gurnata*" (fol 199)

Rat illi fil-15 ta' Marzu 2017, fuq talba ta' l-akkuzat Darren Agius, il-Qorti awtorizzat lill Agius jesebixxi il-hwejjeg illi kellu fuqu dakinhar tal-incident, sabiex l-istess hwejjeg jittiehdu ritratti taghhom mill-espert imqabbad mill-Qorti Mario Mintoff, liema ritratti gew eventwalment esebiti fl-10 ta' Mejju 2017.

Rat illi fis-17 ta' Novembru 2017, l-atti tal-kawza odjerna gew assenjati lill dina l-Qorti, kif ppresjeduta, wara illi l-Magistrat Antonio Micallef Trigona kien irtira bl-eta'.

Rat illi fl-1 ta' Frar 2018 il-partijiet qabblu illi l-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali.

Rat is-sottomissjonjiet tal-prosekuzzjoni ippresentati fl-1 ta' Marzu 2018.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-imputat Darren Agius ippresentati fis 7 ta' Marzu 2018.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-konsulent legali ta' l-imputat Liam Mallia illi saret fis 7 ta' Marzu 2018.

Rat illi fis-7 ta' Marzu 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tosserva illi fit-3 ta' Frar 2014, il-Qorti, diversament ippresjeduta, appuntat lill Dr Stephen Farrugia Sacco sabiex jezamina CD illi ngieb fil-pussess tal-Qorti, izda ma hemmx indikat jekk kienx ippresentat mill-prosekuzzjoni jew mid-difiza.

Jirrizulta, madanakollu, illi sad-data illi l-kawza odjerna thalliet ghas-sentenza, l-inkariku tal-Espert tal-Qorti ma jidhirx illi gie espletat u lanqas biss jidher illi l-istess Espert gie b'xi mod mgharraf bl-inkariku tieghu.

Il-Qorti tosserva illi hija l-obbligu tal-partijiet illi jingiebu l-provi kollha relattivi ghall-kaz u il-Qorti trid biss tiddeciedi abbazi tal-provi prodotti quddiemha.

Il-fatt illi gie esebit CD quddiem dina l-Qorti minghajr ma hemm ebda rizultanzi teknici dwar dak illi hemm gewwa tali CD ma jistax ma jitqiesx bhala illi ma hemm ebda prova gewwa tali CD, u

ghalhekk il-Qorti ma hijiex qieghda tikkunsidra dak illi hemm gewwa tal-CD bhala prova ghall-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fis-17 ta' Awissu 2013, illi kien jahbat is-Sibt filghodu, kien hemm glieda barra il-Havana, Paceville li fiha intervjenew il-Pulizija sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni;

Jirrizulta, kif staqrru il-Pulizija stess, illi kien hemm hafna nies jiggieldu u, kif jghidu kemm l-akkuzati w ix-xhieda taghhom, kien hemm tgegwigija shiha barra Havana.

Jirrizulta illi, f'dina l-konfuzjoni shiha illi kien hemm, il-PS 159 jghid illi gharraf lill Darren Agius bhala il-persuna illi tah daqqa ta' ponn, filwaqt illi l-PS 1138 jghid illi gharraf lill Liam Mallia bhala il-persuna illi tah daqqa ta' ponn.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi Darren Agius jistqarr illi mhux talli ma ta' ebda daqqa ta' ponn lill-Pulizija, izda talli daru ghalih il-Pulizija ghall ebda raguni illi jaf hu, u spiccaw jaghtu daqqiet lilu, fatt illi gie kkorroborat ukoll mit-Tabib iqabbad mill-Qorti Dr Mario Scerri fejn qal illi Agius kellu fuqu daqqiet illi kienu kompatibbli ma' '*resisting arrest*' u '*rough handling*'.

Jirrizulta illi tali verzjoni tal-fatti ta' Agius gie ikkorroborat mill-habib tieghu Justin Zammit illi sahaq li, wara li l-bouncers tal-Havana ma hallewhomx jidhlu fil-post, gew erbgha Pulizija ghalihom u daru ghal Agius, ghal raguni illi, l-istess Zammit, stqarr illi kien ghadu ma jafx sa' llum.

L-istess verzjoni tal-fatti inghata minn Ivan Stellini illi iddeskriva dak kollu li gara kif gej: "*middewh, tefugh mal-art, tawt, ixxuttjawh mal-art, sprejjawlu xi pepper spray u ovvjament Darren ma uza l-ebda forza fl-ebda hin u fl-ebda mument.*"

Jirrizulta wkoll illi, Liam Mallia, il-persuna illi kien akkuzat wkoll li ta' daqqa ta'ponn lill Pulizija din id-darba PS 1138, jistqarr illi mhux talli ma ta' ebda daqqa ponn, izda talli hekk kif hareg biex ifittex lill siehbu Agius, xi hadd, li wara sar jaf li kien Pulizija, qabadlu idejh u arrestah minnufih, bir-rizultat illi huwa bl-ebda mod ma seta qatt ixejjer idejh lejn il-PS 1138.

Jirrizulta illi dawna l-fatti ta' Mallia gew anke ikkonfermati mill-habiba tieghu Shelly Zaffarese illi staqrret illi meta harget mill-Havana rat lill Mallia immanettjat u kien qed jittella lejn il-vann tal-Pulizija minghajr ma kien qieghed juri ebda tip ta' resistenza.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi Mallia jikkontendi illi meta l-Pulizija haduh fil-vann tal-Pulizija, hemm gie trattat hazin hafna u il-PC 430 gewwa l-vann tah hafna daqqiet ta' sieq fl-istonku, fatt illi gie kkorroborat ukoll mit-Tabib iqabbad mill-Qorti Dr Mario Scerri fejn qal illi Mallia wkoll kellu fuqu daqqiet illi kienu kompatibbli ma' '*resisting arrest*' u '*rough handling*'.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, tenut kont ta' tali verzjonijiet kontrastanti, dina l-Qorti ma tistax ma' tosservax illi l-verzjoni tal-Pulizija kienet tkun ferm aktar kredibbli kieku membri taghha ma uzawx forza 'l hinn minn dak meqjus ragjonevoli meta intervjenew fil-glieda li kien hemm, f'liema glieda l-istess Pulizija jikkonfermaw illi kien hemm hafna nies involuti, u mhux biss iz-zewgt akuzati.

La darba gie kkonfermat mit-tabib Dr Mario Scerri dak allegat mill-akkuzati, ossija illi huma gew trattati b'forza eccessiva mill-Pulizija, tant illi Dr Scerri seta jirrileva illi l-akkuzati kellhom varji "*lezjonijiet ta' natura hafifa*" illi kienu "*kompatibbli iktar ma' rough handling jew resisting arrest iktar milli xebgha*", dana jfisser illi l-verzjonijiet tal-fatti tal-akkuzati, illi del resto gew minnhom ikkonfermati kelma b'kelma fl-istatement illi taw volontarjament lill-Pulizija ftit sieghat biss wara l-akkadut, huwa ferm aktar kredibbli mill-verzjoni tal-fatti kif riprodotta mill-Puluzija.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli Prosekutur u Avukati tad-difiza

Wara illi rat l-Art 95 (1), l-Art 96 u l-Art 221 tal-Kap 9 kif ukoll l-Art 338 (dd) u l-Art 338 (ee) tal-Kap 9;

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi, in vista tal-kunflitt fil-provi,

Tillibera lill-akkuzati mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur